3) *L-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 2777/2000, kif emendat, u kif ukoll l-Artikolu 4 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 5(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 85/73/KEE tad-29 ta' Jannar 1985 fuq il-finanzjament tal-ispezzjonijiet tas-saħħa u l-kontrolli veterinarji tal-annimali msemmija fid-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE, 90/675/KEE u 91/496/KEE, kif emendata u kkodifikata permezz tad-Direttiva tal-Kunsill Nru 96/43/KE, tas-26 ta' Ġunju 1996, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li l-Istati Membri milli jiġbru miżati nazzjonali intiżi sabiex jiffinanzjaw l-ispiża ta' testijiet tal-iskrining tal-enċefalopatija sponġiformi bovina. L-ammont totali tal-miżati relatati mal-qatla tal-annimali tal-ifrat intiżi għall-ikel mill-bniedem għandu jiġi ffissat fl-osservanza tal-prinċipji applikati għall-miżati Komunitarji, li skonthom, minn naħa, dan l-ammont m'għandux jaqbeż l-ispejjeż imġarrba, li jkopru l-infiq ta' salarji u l-infiq soċjali kif ukoll l-ispejjeż amministrattivi relatati mal-eżekuzzjoni ta' testijiet tali, u, min-naħa l-oħra, kull restituzzjoni diretta jew indiretta ta' miżata tali hija pprojbita.*

(1) ĠU C 297, 08.12.2007.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-7 ta' Lulju 2009 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-High Court of Justice (Queen's Bench Division) — L-Ingilterra) — The Queen, S.P.C.M. SA, C.H. Erbslöh KG, Lake Chemicals and Minerals Ltd, Hercules Inc. vs Secretary of State for the Environment, Food and Rural Affairs**

**(Kawża C-558/07)** (1)

***("Regolament (KE) Nru 1907/2006 — Sustanzi kimiċi — Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni ta' dawn is-sustanzi u restrizzjonijiet applikabbli għalihom (REACH) — Kunċett ta' "sustanzi monomeriċi" — Validità — Proporzjonalità — Trattament ugwali")***

(2009/C 205/08)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

High Court of Justice (Queen's Bench Division)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* The Queen, S.P.C.M. SA, C.H. Erbslöh KG, Lake Chemicals and Minerals Ltd, Hercules Inc.

*Konvenut:* Secretary of State for the Environment, Food and Rural Affairs

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — High Court of Justice Queen's Bench Division — Interpretazzjoni u validità tal-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006, dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, p. 1) — Kunċett ta' "sustanzi monomeriċi"

**Dispożittiv**

1) *Il-kunċett ta' "sustanzi monomeriċi", li jinsab fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006, dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni, jirrigwarda biss il-monomeri reaġiti magħquda mal-polimeri.*

2) *L-analiżi tat-tieni domanda ma wriet l-ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tal-Artikolu 6(3) tar-Regolament Nru 1907/2006.*

(1) ĠU C 51, 23.02.2008

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-2 ta' Lulju 2009 (talba għal deċiżjoni preliminari mill-Hoge Raad der Nederlanden — l-Olanda) — Har Vaessen Douane Service BV vs Staatssecretaris van Financiën**

**(Kawża C-7/08)** (1)

***(Eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni — Regolament (KEE) Nru 918/83 — Artikolu 27 — Merkanzija ta' valur individwali negliġibbli mibgħuta bħala kunsinna kollettiva — Kunsinni mibgħuta direttament minn Stat terz lil kunsinnatarju fil-Komunità)***

(2009/C 205/09)

*Lingwa tal-kawża: L-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Hoge Raad der Nederlanden

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Har Vaessen Douane Service BV

*Konvenut:* Staatssecretaris van Financiën